MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tat-22 ta' Lulju, 2004

Numru 889/2002

**Il-Pulizija**
(Spettur Walter Spiteri)
**vs**
**Jason Galea**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Jason Galea bin Joseph u Carmen nee' Magri, ta' 30 sena imwieled Pieta' fid-09 t'April 1974 u residenti gewwa 57 SunVill, Triq il-Kanun Santa Venera, detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 211574(M).

Talli:-
F'dawn il-gzejjer fit-13 ta' Lulju 2000 u matul ix-xhur ta' qabel din id-data, bhala id-detentur tal-fond *'Sunray Restaurant'*, Qajjenza Road, B'Bugia, ukoll wara inzul ix-xemx, b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet different li jikksru l-istess dipozizzjoni tal-Ligi u li gew

maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi qarrieqa li bihom setgha kellu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' l-elettriku, tal-kwalita' mehuda jew ikkunsmata, ikkommetta serq ta' sawl elettriku li jeccedi il-mitt lira maltin izda inqas minn elf lira Maltin mill-fond Sunray Restaurant, Qajjenza Road, B'Bugia, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, hin u valur ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali.

Rat li l-akkuzat ma oggezzjonax li l-kaz tieghu jigi ttrattat bi procedura sommarja minn din il-Qorti.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat li fis-seduta ta' llum l-akkuzat ammetta l-akkuzi migjuba kontrih u hekk tenna wara li l-Qorti fissritlu xi tfisser ammissjoni.

Issibu hati.

Rat l-artikoli 261, 264, 267, 270, tal-Kapitolu 9 kif wkoll l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tiddeciedi li tapplika l-ahhar imsemmi artikolu stante il-kondotta aktarx nadifa tieghu u stante li ghamel ftehim ma l-Enemalta li jhallas is-somma ta' LM 265 b'pagament ta' kull xahar u hekk jiskonta kollox fi tlett xhur. Ghalhekk waqt li ssibu hati tilliberah that il-provedimenti ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 b'dan li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena (1) minn illum.

Il-Qorti qed tfisser lil-hati l-import ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------